MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## AUDREY DEMICOLI

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2014

Numru. 389/2014

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Trevor Micallef)**

**vs**

**William Kelly Harrison**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' William Kelly Harrison bin Eckhart u Tammy nee' Hackett, imwieled l-Amerka fit-28 ta' Mejju, 1993, residenti fil-fond numru 107 Flat 1 Triq San Nikola Valletta u detentur tal-karta tal-identita' numru 46463A.

Akkuzat talli f’ dawn il-Gzejjer fl-20 t’ Ottubru 2013 ghal habta tas-siegha u ghoxrin ta’ filghodu (01:20am) fi Triq San Gorg, San Giljan u/jew fil-vicinanzi :

Ikkommetta harba semplici waqt li kien fi-kustodja ta’ persuni nkarigati mill-kustodja tieghu (Art. 151 Kap9).

Akkuzat aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ngurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuni nkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta’ dak is-servizz (Art. 95 Kap 9)

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b’ hebb, ta’ xorta li ma titqiesx bhala vjolenza pubblika, kontra persuni nkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu qed jagixxu ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghti skont il-ligi mill-awtorita kompetenti (Art. 96 Kap 9)

Akkuzat aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, u cioe’ uniformi u apparat tal-pulizija ghad-dannu tal-Korp tal-Pulizija u/jew il-Gvern ta’ Malta u jew entitajiet ohra, liema hsara ma tiskorrix Euro 116.47 imma teccedi Euro 23.29 (Kap. 325)1)(c) Kap 9)

Akkuzat aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament kiser il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku (Art. 338(dd) Kap 9)

Akkuzat aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita' jew ta' wiehed li kien inkarigat minn servizz pubbliku (Art. 338(ee) Kap 9)

Akkuzat aktar tali fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ghad illi kien xurban qal xi kliem oxxen jew indicenti, jew ghamel atti jew gesti oxxeni fil-pubbliku (Art. 338(bb) Kap 9)

Akkuzat aktar talli rrenda ruhu recidiv b' diversi sentenzi tal-Qorti ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar is-6 ta' Gunju, 2014 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b' mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghet s-sottomissjonijiet finali mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta’ l-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m’ ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta’ l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri u li l-imputat ikkonferma li huwa dispost li jhallas l-ammont ta’ €37.47c lil vittma.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 151, 95, 96, 325(1)(c), 338(dd), 338(ee), 338(bb) u 49 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u b’ applikazzjoni tal-Art. 7 tal-Kap 446 tpoggi lil imputat taht Ordni ta’ Probation ghall-perjodu ta’ tlett (3) snin millum taht il-kundizzjonijiet indikati fl-anness digriet.

Il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur Ghal Probation Services u Parole.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------